# IL-ĠABRA TA' KITBA MALTIJA

## X'ĠID QIEGĦDA TAGĦMEL

Qabel ma ssawret, bil-ħila tat-tabib Ġużè Bonnici, din il-"Ġabra ta' Kitba Maltija", aħna stajna biss inqiegħdu taħt għajnejn il-poplu bħala xhieda tal-kitba tajba u tal-ħsieb għoli tliet rumanzi, jew aktarx erbgħa, imma mhux iżjed. Dan, ma għandniex xi ngħidu, minbarra ftit kitba oħra tajba ta' poeżija qawwija u mleħma li dal-aħħar kotrot bis-sħiħ. Il-poplu kien jistaqsi: "X'kitba tajba għandna bi lsienna?" L-egħdewwa kienu wkoll iġerruha: "Għalfejn nitgħallmu l-Malti? X'kitba hemm li tgħallimna, li tħajjarna nitgħallmu?"

Imma ż-żmien kien ħabib tagħna, u l-kotba miktuba b'Malti suret in-nies żdiedu f'daqqa. It-tabib Ġużè Bonnici ħaseb li jwaqqaf ġabra ta' rumanzi u ta' ġrajjiet qosra bil-Malti.

Kont naħseb li dan il-ħsieb ma jistax jasal biex iseħħ għax min jieħu fuq spallejh li jidħol għal xogħol bħal dan, minbarra li jkollu jmidd għonqu għal taħbit kbir, ikollu wkoll spejjeż bir-radam iħabbtu ma' wiċċu. Imma l-ħila tegħleb kollox. It-tabib Bonnici hu bniedem mimli enerġija. Hu jħobb il-Malti mhux biex jara xi ġid minnu, imma għax hekk għallmitu l-imħabba ta' qalbu. Iħobb il-Malti biex ikabbar il-letteratura tagħna; u ismu hu għalija għażiż xejn anqas minn dak tal-Professuri Ġużè Aquilina u P. P. Saydon li, id f'id, ħadmu biex juru f'dawl ix-xemx il-kobor tas-sengħa u l-ħsebijiet mixgħula tal-kittieba Maltin.

F'inqas minn sena l-"Ġabra ta' Kitba Maltija" ġa tatna tliet kotba, u ieħor, minn hawn u xagħrejn oħra, ikun f'idejna. L-"Anġli tan-Niket" ta' Ġinu Muscat Azzopardi u "Taħt Tliet Saltniet" ta' Ġużè Aquilina huma żewġ kotba mibnija fuq sfond storiku; ta' l-ewwel jitkellem dwar ġrajjiet li nqalgħu fi żmien il-Franċizi f'Malta, u fuq it-twegħir ta' dik il-ħabta jiddi isem Dun Mikiel Xerri qisu kewkba tilma f'sema iswed; tat-tieni jinseġ ġrajja ta' mħabba bejn żagħżugħ nobbli u xbejba bint ir-raba'; kienu żmenijiet imwiegħra : l-aħħar snin tal-Kavalieri f'Malta, il-ħakma Franċiża, u l-bidu ta' l-Ingliżi f'artna. Wieħed mill-karattri maqlugħin ta' dal-ktieb hu ta' Mikiel Anton Vassalli, il-bniedem ta' l-azzar li fehemtu baqgħet miexja maż-żmenijiet tgħallimna dejjem inħobbu lil Malta u 'l-Ilsien Malti. "Leli ta' Ħaż-Żgħir" ta' Ġużè Ellul hu l-ktieb maqlugħ mill-ħajja li ngħixu ta' kulljum, xejra ta' kitba mixtieqa. Ktieb li fih il-psikoloġija għandha l-akbar u l-aqwa sehem. Il-karattri, l-aktar ta' Leli, impittra mill-aħjar u maqlugħin għall-aħħar.

Kemm "Leli ta' Ħaż-Żgħir", kemm ukoll "Il-Qawwa ta' l-Imħabba" ta' Ġużè Bonnici (li, kif ġa għidna, ma jdumx ma joħroġ) it-tnejn jitkellmu dwar iż-żmenijiet tagħna. Fil-ħsieb tiegħi din ix-xejra ta' kitba hi meħtieġa wisq u ta' min iħeġġiġha timxi iżjed 'il quddiem. B'daqshekk, imma, ma rridx infisser li għandna nbarru għal kollox kitba mirquma, sabiħa, u maħsuba tajjeb, dwar il-ġrajjiet qodma ta' l-istorja tagħna.

Ġużè Chetcuti